# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 68/2023 BS**

**Maria Carmela sive Marlene Muscat et**

**-vs-**

**Dr Kevin Mompalao li b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2023 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Joseph Galea**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li ppremettew:**

1. *"Illi Loreto Galea, pensjonant, bin il-mejtin Emmanuel u Marianna nee' Cordina, imwieled Għajnsielem, Għawdex, Għawdex detenturital-karti tal-identità numru 35725G miet fir-Rabat Għawdex, f'ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015),*

2. *Illi Carmela mart l-imsemmi Loreto Galea, bint il-mejtin Clement Buttigieg u Giuseppa nee' Cordina imwielda Għajnsielem, Għawdex detentriċi tal-*

*karta tal-identità numru 46430G mietet f'Victoria, Ghawdex, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015);*

3. *Illi l-imsemmija Loreto u Carmela konjuġi Galea kellhom tmient itfal, Carmelo, Francis, Mary Anne Elmajdubi, Clementia Portelli, Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Spiteri, Paul u Joseph ilkoll aħwa Galea;*

4. *Il-konjuġi Galea rrediġew is-suċċessjoni tagħhom bis-saħħa ta' żewġ testmenti unica charta, u testment ieħor li sar minn Loreto Galea waħdu.*

5. *Bl-ewwel testment unica charta tagħhom, fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru, elfejn (2000), hallew b'titolu ta' prelegat lil Clementia Portelli, Marlene Muscat, Maryanne Elmajdubi, Carmelo Galea s-somma ta' elf lira Maltin (Lm 1,000 ekwivalenti għal elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin Euro ċenteżmu (€2,329.37)), u ħallew b'titolu ta' prelegat a favur binhom Francis Galea (i) kwart indiviż mil-lok ta' djar tar-residenza tagħhom fin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex bid-drive-in tal-garage annessa; (ii) is-somma ta' elf disa' mija u tleita u sittin Lira (Lm1,963 ekwivalenti għal erba' t'elef ħames mija u tnejn u sebgħin Euro u sitta u ħamsin Euro centeżmu (€4,572.56)) bl- interessi tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effetta mill-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u grand father clock li jippossjedu, u eżentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu tal- kollazzjoni ta' dak kollu li huma setgħu tawhom gratuwitament matul ħajjithom u nnominaw bħala eredi universali tagħhom lit- tmien (8) uliedhom fuq imsemmija fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom f'kas ta' premorienza għat-testaturi u bid-dritt tal- akkrexximent bejniethom fin-nuqqas.*

6. *Illi bis-saħħa tat-tieni testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani tas-sittax (16) ta' Settembru elfejn u erbgħa (2004) il-konjugi Galea kkonfermaw it-testment preċedenti tagħhom u ordnaw li l-wirt u suċċessjoni tagħhom jiġu regolati bil-preċitat testment tagħhom b'żieda u kwantu kompatibbli mat-tieni testment fejn permezz tiegħu u preċiżament tat-tieni artikolu ħallew b'titolu ta' prelegat a favur ta' wliedhom Clementia Portelli, Marlene Muscat, Maryanne Elmajdubi u Carmelo Galea bid-dritt ta' sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom f'kas ta' premorienza għat-*

*testaturi, is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm 4,000 (ekwivalenti għal disa' t'elef tlett mija u sbatax -il Euro u disgħa u erbgħin Euro centeżmu (€9,317.49)) għal darba waħda biss lil kull wieħed u waħda minnhom.*

7. *Illi permezz tat-testment tiegħu waħdu fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani fl-wieħed u tletin (31) ta' Awissu elfejn u għaxra (2010) Loreto Galea kkonferma it-testmenti preċedenti tiegħu, ħassar it-tieni artikolu tat-testment tiegħu tas-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u permezz tat-tielet artikolu ħalla b'titolu ta' prelegat a favur wliedu: Marlene Muscat armla ta' Raymond Muscat u Maryanne Elmajdubi mart Mokhtar Mohamed Elmajdubi, fi kwoti ugwali bejniethom, tlett kwarti (3/4) indivizi minn sehem it-testatur, mil-lok ta' djar tar-residenza tat- testatur fin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex bid-drive-in tal-garage annessa u għalhekk bil-garage u mandra annessa. Permezz tar-raba' artikolu l-istess Loreto Galea ħalla b'titolu ta' prelegat lil ibnu Francis Galea, id-dritt ta' użu u abitazzjoni gratuitu fil-lok ta' djar tar-residenza tat-testatur fin- numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex bid-drive- in tal-garage annessa u għalhekk bil-garage u mandra annessa. Fil-Ħames Artikolu Loreto Galea għamel referenza għar-raba' artikolu tat-testment tiegħu tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) u iddikjara li inkluż fl-imsemmi prelegat hemm is- sehem indiviż ta' kwart (1/4) indiviż mil-garage anness ma' l- imsemmi fond u mill-mandra annessa miegħu ukoll.*

8. *Illi mir-riċerki irriżulta li l-ġenituri tal-atturi, Loreto u Carmela konjugi Galea kienu jipposjedu erba' ishma minn ħamsa (4/5) indiviżi minn lok ta' djar bl-isem "Galea House", bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex bid-drive in tal-garage annessa tal-kejl kumplessiv ta' madwar mitejn u ħamsa u sittin metru kwadru (265m.k.) li Lvant ma' Triq Simarat, nofsinhar ma' proprjeta' Carmela Rapa jew suċċessuri fit-titolu tagħhom u tramuntana ma' proprjeta' ta' Rita Link jew suċċessuri fit-titolu tagħha kif murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument A.*

9. *Illi l-esponenti jixtiequ jiġu mmessi fil-pussess tal-legati ordnati favur tagħhom u ċjoe' sehem minn ħamsa indiviż (1/5) a favur Francis Galea u*

*Marlene Muscat armla ta' Raymond Muscat u Maryanne Galea, fi kwoti tas-sehem ta' tlieta minn għoxrin indivizi (3/20) kull wieħed.*

10. *Illi llum il-ġurnata, Maryanne Elmajdubi iddivorzjat u irrivertit għal kunjomha xebba Galea."*

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(1) *"tikkundannak sabiex tersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur Clementia Portelli, Marlene Muscat, Maryanne Galea, Carmelo Galea s-somma ta' elf lira Maltin (Lm 1,000 ekwivalenti għal elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin Euro ċenteżmu (€2,329.37),*

(2) *tikkundannak sabiex tersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur Francis Galea ta' (i) sehem minn ħamsa indiviż (1/5) mil-lok ta' djar tar-residenza ta' Loreto u Carmela konjugi Galea bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex bid-drive-in tal- garage u mandra annessa; (ii) is-somma ta' elf disa' mija u tleita u sittin Lira (Lm1,963 ekwivalenti għal erba' t'elef ħames mija u tnejn u sebgħin Euro u sitta u ħamsin Euro centeżmu (€4,572.56)) bl-interessi tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effetta mill-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u grandfather clock*

(3) *tikkundannak sabiex tersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur Marlene Muscat armla ta' Raymond Muscat u Maryanne Galea, tas-sehem ta' tlieta minn għoxrin indiviżi (3/20) indivizi minn sehem it-testatur Loreto Galea, kull wieħed, mil-lok ta' djar tar-residenza tat-testatur bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex bid-drive-in tal-garage u mandra annessa*

(4) *tordna li l-immissjoni fil-pussess issir ad opera tan-Nutar Kristen Dimech, jew Nutar ieħor in sostituzzjoni tiegħu, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dan l-att, f'jum ħin u lok li jiġi ffissat minn din l-istess Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra tiegħek.*

*Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int ingunt."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao fil-kawlità tiegħu ta' kuratur tal-elenku nominat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Joseph Galea li eċċepexxa:**

1. *"Illi l-esponenti jiddikjara illi hu ma hux edott mil-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrimetti ruhhu ghal provi miġjuba, salv li jirrispondi ultirjorment jekk jkun hemm kuntatt ma l-assenti fl-esteru.*

3. *Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur deputat l-Avukat Dott. Kevin Momapalo li ghandu konoxenza vera u propja tal-fatti suesposti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dokumenti esebiti minn fol 6 sa fol 25 tal-process.

Rat ir-rikors ghal hatra ta kuratur deputat u d-digriet sussegwenti ta l-14 ta Lulju, 2023.[1]

Rat il-Bandu ghall-kuraturi u l-publikazzjoni ta l-istess fil-gazzetta tal-Gvern u gurnali lokali.[2]

Rat id-digriet ta l-10 ta Awissu, 2023 li permezz tieghu inhatar Dr Kevin Mompalao bhala kuratur deputat.[3]

Semghet ix-xhiedha prodotta.

Rat li waqt is-seduta ta l-4 ta Ottubru, 2023, il-partijiet iddikjaraw illi din il-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza.

Rat li waqt l-istess seduta il-kawza giet differita ghall-lum ghas-sentenza.

[1] A fol 29 tal-process
[2] A fol 35 u fol 38 tal-process
[3] A fol 42 tal-process

**Ikkunsidrat.**

Permezz ta din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti biex tikkundanna lill-konvenut jersaq ghal kuntratt ta immissjoni fil-pussess favur il-konvenuti fl-ammonti u l-ismha imsemmija fir-rikors guramentat.

Minn-naha tieghu l-kuratur deputat jilqa ghat-talbiet attrici billi jghid illi huwa ma hux edott mill-fatti pero jzomm ferm id-dritt illi jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-kaz.

**Ikkunsidrat.**

Skond gurisprudenza nostrana il-proprjeta' tal-legat tgħaddi għand il-legatarju mal-mewt tat-testatur filwaqt li l-pussess jgħaddi mal-att ta' immissjoni fil-pussess. Infatti inghad illi *" ... (b) L-immissjoni fil-pussess hi mehtiega wkoll fejn il-legatarju hu wiehed mill-werrieta tat-testatur (ara f'dan is-sens Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 1946 [Vol. XXXII.ii.264.]) u fejn il-legat hu deskritt bhala pre-legat. Hemm ukoll gurisprudenza li legatarju li ghandu l-pussess bil-kunsens tacitu tal-werrieta, m'ghandux bzonn li jaghmel domanda formali lill-werrieta sabiex ikun hemm pussess legittimu (ara Vincenza Cassar vs Herbert L.W. Hare deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659 u Salvatore Sciberras vs Antonio Sciberras et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 1941 – Vol. XXXI.ii.23);*

*(c) Jidher li fil-gurisprudenza lokali il-fehma l-iktar prevalenti hi li mal-mewt tad-decujus il-proprjeta' tal-legat tghaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi; "Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta` ta' l-istess legat; ghax il-pussess jghaddi 'per modum continuationis' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprieta`, jew id- "dritt" ghal haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat" (Stella*

*Briffa et vs Caterina Scicluna et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 1959 – Vol. XLIII.ii.759). Fil-kawza Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco nomine deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX.i.473) gie osservat: "Hu ormai materja ta' jus receptum illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI p. 492; XXVIII. Pp 537-543; u Vol. XXIX.i.683)"*[4]

In vista ta dawn l-insenjamenti u fid-dawl tal-provi kollha mressqa mill-atturi kif ukoll fl-assenza ta eccezzjonijiet da parti tal-konvenut, il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa t-talbiet attrici.

**Decide**.

Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-ragunijiet gia moghtija, il-Qorti filwaqt li tilqa l-ewwel, it-tieni u t-tielet t-talbiet, tilqa wkoll ir-raba talba u tinnomina lil Dr Kristen Dimech sabiex jippubblika l-att ta immissjoni fil-pussess nhar il-24 ta Novembru, 2023, fl-edificju tal-Qorti fi 15:00, bl-intervent ta Dr Kevin Mompalao ghal eventwali kontumaci fuq dan l-att.

Spejjez ta din il-kawza a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[4] Agnese Farrugia vs. Emanuel sive Noel Buttigieg et, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sede Superjuri, deciza fl-4 ta' April, 2008